**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum id-29 ta' Novembru, 2018

Rikors Numru: 122/13/2AL

**A B**
u b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2015 ġew nominati l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti

**vs.**

**C sive C B**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2017, illi permezz tiegħu, il-konvenut talab sabiex it-talba tal-attriċi għas-separazzjoni, fil-proċeduri tal-firda personali, titqies minflok bħala talba għall-

pronunzjament ta' divorzju, u dana ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa ssottometta illi l-kriterji rikjesti mill-Artikolu 66B tal-istess Kapitolu 16 huma lkoll sodisfatti stante li:

1. Il-partijiet ormai ilhom jgħixu ħajja separata *de facto* minn ma' xulxin għal iktar minn erba' snin;
2. Ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi m'hemmx komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;
4. Illi in kwantu għall-manteniment tal-minuri D, dan ma jitħallasx peress li hemm propjeta` immobiljari li ser tagħmel tajjeb għall-manteniment li ser jiġi likwidat fis-sentenza finali billi sehem l-assenti jiġi assenjat lill-esponenti għas-saldu ta' kull pretensjoni li jista' jkollu l-esponenti;

Rat illi l-kuraturi deputati, debitament notifikati bir-rikors odjern, ippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom[1] illi permezz tagħha huma eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jiddikjaraw li għadhom m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u għaldaqstant qed jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistgħu iressqu l-aħjar difiża għan-nom t'A B;

2. Illi dwar il-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi huwa C B li għandhu l-piż tal-prova u cjoe illi jrid ikun C B stess li jikkonvinċi lil dina l-Onorabbli Qorti illi

[1] Fis-27 ta' Ġunju 2017, fol. 5;

dak kollu mitlub mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sodisfatt u li b'hekk it-talba ta' separazzjoni magħmula f'din il-kawża għandha minflok titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat illi r-rikors odjern jinkwadra sewwasew fl-ambitu tal-Artikolu appena ċċitat. Illi m'hemm l-ebda raġuni fil-fatt jew fid-dritt il-għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent, kif dedotta fir-rikors tiegħu tal-24 ta' Mejju 2017, sabiex it-talba għall-firda bejn il-partijiet titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).